MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 172/2000/1

**Wings Couriers Ltd.**

**vs**

**L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja b'digriet tat-23 ta' Frar, 2000 nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lis-socjeta` Ingliza *Global Fast Ltd.* ga` *Malta Fast Ltd.***

**Il-Qorti;**

1. Dan hu appell tal-kuraturi minn sentenza moghtija fil-31 ta' Ottubru, 2000 fl-ismijiet premessi li fiha l-Prim Awla tal-Qorti Civili, b'applikazzoni tal-procedura bil-giljottina – Art. 167 *et seq.* tal-Kap. 12 – ikkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ekwivalenti f'liri maltin ta' elfejn erba' mija u hdax-il lira sterlina u sitta w tmenin centezmu [recte: *pence*] (GBP 2,411.86), bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta.

2. Il-parti relevanti tas-sentenza appellata, li tigi minnufih wara r-riproduzzjoni *verbatim* tac-citazzjoni, tghid hekk:

***"Rat ukoll id-dikjarazzjoni mahlufa minn Joseph Zammit u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.***
***"Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-kuratur*** [recte: kuraturi] ***ghas-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm dehru l-kuraturi ma wrewx li l-konvenuta ghandha eccezzjonijiet tajba x'taghti.***
***"Billi ghalhekk l-art. 167*** **et seq.** ***tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta` l-kawza billi tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez."***

3. Ghall-ahjar intendiment ta' dana l-appell tajjeb li jigi traccat l-*iter* tal-kawza fil-prim istanza. Wara li l-ewwel Qorti, b'digriet tal-25 ta' April, 2000, appuntat il-kawza ghas-smigh ghall-25 ta' Mejju, 2000, il-kuraturi, permezz ta' nota datata 10 ta' Mejju, 2000 u ppresentata fir-registru skond dak li tipprovdi t-tieni parti tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 170[1], fissru li huma kienu "qed jattakkaw il-procedura sommarja fil-kawza odjerna bhala mhux regolari stante li l-konvenuta *de quo* ser tkun rappresentata minn kuraturi deputati li f'dan l-istadju mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz". Fissru wkoll li bla pregudizzju ghal dan huma kellhom eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni xi jressqu apparti eccezzjonijiet ulterjuri in

[1] "…Il-konvenut jista' jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu biex jattakka l-procedimenti maghmula mill-attur bhala mhux regolari jew li ma jghoddux ghall-kaz permezz ta' nota li tigi prezentata fir-registru tal-qorti jew fl-udjenza."

vista tal-fatt li ma kienux edott mill-fatti, u ghalhekk talbu li jigu awtorizzati jippresentaw l-eccezzjonijiet skond l-Artikolu 170(2).

4. Il-verbal tal-25 ta' Mejju, 2000 jghid hekk:

***"Meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pierre Lofaro ghas-socjeta` attrici rapprezentata minn Joseph Zammit u Dr. Leslie Cuschieri, kuratur.***
***"Il-partijiet jaqblu illi l-kawza tkun differita <u>bla pregudizzju ghall-procedura sommarja</u> sakemm il-kuratur jikkomunika mas-socjeta` rappresentata minnu.***
***"Il-kawza differita ghall-istess skop bhallum ghas-17 ta' Ottubru, 2000."*** (sottolinear ta' din il-Qorti).

5. Is-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2000 giet differita *en bloc* ghall-31 ta' Ottubru, 2000. Il-verbal tal-31 ta' Ottubru, 2000 jghid hekk:

***"Meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pierre Lofaro ghas-socjeta` attrici. Ghas-socjeta` konvenuta ma deher hadd. Il-kawza giet posposta.***
***"Il-kawza regghet issejhet ghat-tieni darba fil-10.15 u rega' deher Dr. Pierre Lofaro. Ghall-konvenuta baqa' ma deher hadd. Il-kawza regghet giet posposta.***
***"Il-kawza ssejhet ghat-tielet darba fil-11.00 rega' deher Dr. Pierre Lofaro u Joseph Zammit ghas-socjeta` attrici. Ghall-konvenuta ma deher hadd.***
***"Il-kawza giet deciza."***

6. Il-kuraturi, fir-rikors ta' appell taghhom, ghandhom zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu, bazikament, fis-sens li l-verbal tal-25 ta' Mejju, 2000 kellu necessarjament jiftiehem li l-ewwel Qorti ma kienet ser tiehu ebda decizjoni qabel ma l-kuraturi – jew ghall-anqas il-kuratur Dott. Leslie Cuschieri – jikkomunika mas-socjeta` estera <u>u jinforma lill-Qorti b'dan</u>. L-appellanti jghidu wkoll li fil-31 ta' Ottubru, 2000 il-kuratur Dott. Leslie Cuschieri *"…xtaq li l-kawza ssir fil-presenza ta' Dottor John Cremona li kien l-avukat ta' l-atturi appellati…"* u li meta huwa *"…bejn kawza u ohra baqa' ma rnexxilux isib lil Dottor Cremona,*

*mar biex jidher fil-kawza odjerna, u sab li din kienet diga' deciza ghaliex ghas-socjeta` appellata beda jidher Dottor Pierre Lofaro li minn imkien ma jirrizulta li assuma jew assocja ruhhu fil-patrocinju ta' l-atturi appellati"* (sottolinear ta' din il-Qorti). A propositu ta' dana l-aggravju din il-Qorti tosserva li ga` fil-25 ta' Mejju, 2000 kien deher Dott. Pierre Lofaro ghas-socjeta` attrici, u ghalhekk din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif seta' l-imsemmi kuratur issa jippretendi li ghandu jerga' jidher l-avukat firmatarju tac-citazzjoni – l-Avukat Dott. John Cremona – jew kif dan il-fatt seta' b'xi mod "sgwidah". Fi kwalunkwe kaz, il-kompitu tal-kuratur kien li jidher meta tissejjah il-kawza fil-hin stabbilit ghas-smigh ta' l-istess kawza – u ma hemm ebda lment li l-kawza ma gietx imsejha fil-hin stabbilit – u mhux li joqghod ifittex lill-avukat tal-kontro-parti biex jassigura ruhhu li dan jidher. Kif tajjeb osservat, ghalkemm indirettament, is-socjeta` attrici appellata fir-risposta taghha ghar-rikors ta' appell, l-Artikolu 201[2] tal-Kap. 12 japplika kemm ghall-proceduri bil-giljottina u kemm ghal dawk mhux bil-giljottina. Kwantu ghall-verbal tal-25 ta' Mejju, 2000 hu evidenti li dan kien intiz unikament biex jaghti lill-kuraturi l-opportunita` li jikkomunikaw mas-socjeta` estera li huma kienu gew inkarigati li jirrapresentaw, u ma kien hemm xejn f'dak il-verbal li seta' ragjonevolment jiftiehem li l-ewwel Qorti ma kienet ser tiehu ebda decizjoni – inkluza decizjoni dwar dak sollevat fin-nota tal-10 ta' Mejju, 2000 – qabel ma huma jew wiehed minnhom "jinforma lill-Qorti" b'dak li jkunu ghamlu jew m'ghamlux biex jikkomunikaw mas-socjeta` estera. Diversament ikun ifisser li l-ewwel Qorti kienet qed tintrabat li jekk il-kuraturi, tkun xi tkun ir-raguni, qatt ma jinfurmawha dwar x'ikunu ghamlu jew m'ghamlux ghal dak li huwa komunikazzjoni mas-socjeta` estera, jieqaf kollox u, per di piu`, in-natura tal-procedura tinbidel minn dik sommarja ghal wahda ordinarja. Mhix raguni valida biex jigi akkolt l-appell u tithassar is-sentenza appellata l-argument avanzat mill-appellant kuratur Dott. Leslie Cuschieri li hu, fil-31 ta' Ottubru, 2000, kellu hdax-il kawza ohra (presumibbilment quddiem diversi qrati) u li

[2] 201: "Jekk il-konvenut jew l-avukat tieghu…jonqos li jidher, il-kawza tista' tigi maqtugha skond il-ligi fuq l-atti li jkun hemm wara s-smiegh ta' dik ix-xiehda li l-qorti tista' tqis li tkun mehtiega, ghad li huwa ma jkunx deher."

huwa kien obbligat li jidher f'kull wahda minn dawn il-kawzi – avukat, kuratur jew mhux, ghandu jorganizza x-xoghol tieghu b'mod li meta tissejjah il-kawza huwa jidher biex jassolvi d-doveri tieghu fir-rigward ta' dik il-kawza, u dan aktar u aktar jekk il-kawzi jkunu appuntati bil-hin. F'dan il-kaz il-kawza ssejhet tlett darbiet fuq perjodu ta' saghtejn, u jekk ma setax jidher wiehed mill-kuraturi ghall-anqas kellu jidher l-iehor. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

7. It-tieni aggravju hu fis-sens li s-sentenza appellata hija "nulla u bla effett" ghax, dejjem skond l-appellanti, l-ewwel Qorti kellha, qabel ma tilqa' t-talba attrici ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, l-ewwel tirrespingi l-eccezzjoni (sollevata bin-nota tal-10 ta' Mejju, 2000) li l-procedura bil-giljottina "mhix regolari jew ma tghoddx ghall-kaz". Fl-istess waqt l-appellanti jikkontendu wkoll li huma, permezz tan-nota msemmija, gabu prova *prima facie* li s-socjeta` estera minnhom rappresentata kellha eccezzjonijiet tajba x'taghti. Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li ma tistax takkolji anqas dan it-tieni aggravju. Minn qari akkurat tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 170 hu evidenti li, jekk il-konvenut jidher, huwa jista' jaghmel zewg affarijiet: jew (1) jeccepixxi, anke permezz ta' nota li tigi prezentata fir-registru[3] jew fl-udjenza, li l-procedura addotta mill-attur (cioe` tal-giljottina) "mhix regolari jew ma tghoddx ghall-kaz", jew (2) igib prova *prima facie* li hu ghandu eccezzjonijiet tajba x'jaghti jew kontro-talba valida xi jressaq fil-meritu (evidentement jista' anke jaghmel it-tnejn – (1) u (2)). Jekk tinghata l-eccezzjoni li l-procedura addottata "mhix regolari jew ma tghoddx ghall-kaz" u din tigi milqugha mill-Qorti, allura ma hemmx ghalfejn li dik il-Qorti tidhol fil-kwistjoni ta' jekk *prima facie* jidhirx li l-konvenut ghandu eccezzjonijiet tajba x'jaghti jew kontro-talba valida xi jressaq fil-meritu, ghax f'dak il-kaz il-Qorti ghandha mill-ewwel tawtorizza lill-konvenut li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu kif provdut fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 170. Dan ma jfissirx, pero`, kif donnu qed jippretendu l-appellanti, li l-Qorti, fis-sentenza taghha,

[3] Kif ghamlu l-konvenuti f'dan il-kaz.

ghandha ghalfejn toqghod espressament tghid li qed tirrespingi l-eccezzjoni li l-procedura addottata "mhix regolari jew ma tghoddx ghall-kaz". Il-procedura, u allura anke s-sentenza, tibqa' wahda sommarja, b'mod li ma hemmx ghalfejn li tintuza xi formula jew kliem sagramentali. L-espressjoni wzata mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha – ***"…ma wrewx li l-konvenuta ghandha eccezzjonijiet tajba x'taghti"*** – kjarament tkopri kemm l-eccezzjoni tal-irregolarita` jew inapplikabilita` tal-procedura bil-giljottina kif ukoll li s-socjeta` konvenuta ma wrietx *prima facie* li ghandha eccezzjonijiet validi fil-meritu x'tissolleva jew kontro-talba valida xi tressaq. Anqas ma jista' jinghad li bis-semplici nota tal-10 ta' Mejju, 2000 u xejn aktar l-appellanti, allura konvenuti, urew *prima facie* li kellhom, ghan-nom tas-socjeta` estera, eccezzjonijiet validi fil-meritu x'jissollevaw jew kontro-talba valida xi jgibu 'l quddiem. Ghalhekk dana t-tieni aggravju qieghed ukoll jigi respint.

**Decizjoni**

8. Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------